MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 906/2003

**Emanuel Abela**

**vs**

**Herbert James Spiteri u Joseph Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Mejju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u wiehed u hamsin lira Maltin u seba' u sebghin centezmu (Lm851.77) mill-konvenuti jew min minnhom huwa debitur ta' l-attur, rapprezentanti danni li sofra l-attur meta l-konvenuti waqt li kienu qed isuqu l-vetturi bin-numru JAE 828 u CAR 627 fit-18 ta' Dicembru 2002 gewwa Kordin, Rahal Gdid kienu nvoluti f'incident tat-traffiku mal-vettura numru KAV 308 proprjeta' tal-attur u kkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huma ghalih unikament responsabbli l-konvenuti jew**

**minn minnhom stante li s-sewqan taghhom kien wiehed negligenti u traskurat.**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ ittra ufficjali datata 13 ta’ Marzu, 2003, dawk tal-parir (Lm15.00) u ta’ ittra ufficjali ohra (zewg notifiki) pprezentati kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuti u bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra l-istess konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentata fit-28 ta’ Mejju, 2003 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez u dana stante illi l-incident ma sehhx bhala rizultat tan-negligenza u traskuragni da parti tal-konvenuti, izda sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza u nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-attur.**

**Illi in oltre ghandha jsir il-prova tad-danni.**

**Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta’ Emanuel Abela, Beverly Agius, Mario Gatt, PS 1067 Mario Spiteri, Herbert James Spiteri, Joseph Vella. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.**

**Semgha l-partijiet jittrattaw il-kaz.**
**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza tirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta’ Dicembru 2002 ghal habta tat-8:00a.m. fil-Qasam Industrijali, Paola, Kordin.**
**2. F’dana l-incident il-vettura ta’ l-attur KAV 308 sfat milquta mill-istropp li bih it-truck CAR 627 misjuq minn Joseph Vella kien qed jirmonka t-truck JAE 828 misjuq minn Herbert James Spiteri.**
**3. L-attur kien gej minn Triq il-Bacir. Skond l-attur kif qed idur ir-roundabout biex jibqa’ sejjer dritt ghal kontinwazzjoni ta’ Triq il-Bacir, ra t-trakkijiet tal-**

**konvenuti li kienu gejjin mix-xellug. L-attur ighid illi wiehed mit-trukkijiet kien diga ghaddieh, cioe` dak misjuq minn Valla, filwaqt li l-iehor misjuq mill-konvenut Spiteri kien fuq ix-xellug. L-attur jghid: "dawn kienu bazikament weqfin."**

**4. Jirrizulta li l-attur kien jaf lis-sewwieq il-konvenut Spiteri. L-attur ighid hekk: "peress illi nafu hu ghollieli idu u jiena fhimt li stajt nghaddi." L-attur fil-fatt sellem lura u baqa' ghaddej, u kif ghaddej minn bejn iz-zewg trakkijiet, intlaqat mill-habel ta' l-azzar li bih t-truck ta' Vella kien qed jirmonka t-truck misjuq minn Spiteri.**

**5. L-attur ighid li dan l-istropp ma kienx jidher u ma kellu l-ebda sinjal mieghu.**

**6. Beverly Agius passiggiera ma' l-attur tghid li kif ghaddew bejn it-trakkijiet tela' l-habel imsemmi. Skond din ix-xhud it-truck bin-numru CAR-627 tal-konvenut Vella, kien diga' ghadda, filwaqt li t-truck misjuq minn Spiteri kien ghadu wieqaf.**

**7. Bhala distanza bejn iz-zewg trukkijiet jidher illi dak li qed ighid l-attur huwa korroborat sija minn Beverly Agius, kif ukoll minn PC1067 Mario Spiteri li jghid li d-distanza kienet ta' cirka sitt metri u nofs.**

**8. F'dan il-kuntest jigi rilevat illi skond l-artikolu 87 tal-Motor Vehicles Regulations:**

**"ebda vettura bil-mutur m'ghandha tirmonka vettura ohra kemm-il darba c-cima jew katina tal-irmonk ma tkunx irrangata b'mod illi d-distanza li jkun hemm bejn it-trufijiet tal-vetturi ma tkunx izjed minn 4.5metri, u ghandhom jittiehdu l-mezzi sabiex ic-cima jew katina ta' l-irmonk tkun tista' tintaghraf bil-giri minn nies ohra li juzaw it-triq, billi ma' din ic-cima jew katina titwahhal carruta bajda."**

**9. Skond ma xehed il-konvenut Spiteri huwa minnu li dan jaf lill-attur u meta rah ghamillu sinjal b'idu, izda kif ighid l-istess konvenut:**

**"….. is-sinjal ghamiltulu biex jieqaf u hu haseb li qed insellimlu u hu sellem lura u baqa' jsuq."**

**10. Skond dan ix-xhud il-habel ta' l-irmonk kellu *spray highlighter* u t-truck kellu l-*hazard lights* mixghulin. Filwaqt li l-konvenut Vella fix-xhieda tieghu qal: "Il-habel ma kellux drapop marbut mieghu,**

**minghalija li l-habel kellu xi ftit "spray highlighter", pero` mhux it-tul kollu tieghu".**

**11. Ix-xhud Mario Gatt qal li: "Il-wire kien azzar qadim u mahmug u griz, minn lewn l-art". Dan il-persuna kien wasal ezatt wara li sehh l-incident.**

**12. Dwar li l-habel kellu "highlighter" fuqu, dan ma jirrizultax, u jekk kien hemm, kif korrettement qal il-konvenut Vella dan kien ftit u lanqas t-tul kollu ta' l-istess habel. Jirrizulta definittivament li l-habel kien griz. Issa ghalkemm sar dibattitu shih dwar jekk kienx griz skur jew car, fil-fehma tat-Tribunal il-fatt wahdu li kien griz, u cioe` joqrob hafna il-kulur tat-tarmac, kien jirrendi l-istropp difficilment identifikabbli waqt li wiehed qed isuq, u kien proprju kontra dak li jipprevedu r-regolamenti tat-traffiku f'cirkostanzi simili.**

**13. Hemm qbil dwar il-fatt li l-konvenut Vella kien qabad ir-roundabout meta sehh l-incident, u cioe` li dan kien miexi. Spiteri ghafas il-brake meta ra lill-attur, pero` Vella ma kien induna b'xejn, u lanqas l-attur, u b'hekk grat il-kollizzjoni ma' l-istropp.**

**14. Jirrizulta inoltre li l-konvenut Vella ma kienx qed jaghti kaz tal-vetturi li kienu gejjin bi dritt minn triq il-Bacir.**

**15. Ghalhekk mill-kumpless tal-provi jirrizulta illi l-konvenut Vella u l-konvenut Spiteri waqt l-irmonk ma kienux qed isegwu r-regolamenti kif previsti ghal meta vettura qed tirmonka vettura ohra, sija ghal dik li hi distanza li kellha tinzamm bejn vettura u ohra, ossija t-tul ta' l-istropp, kif ukoll dwar li jkun hemm bicca drapp bajda ma' l-istropp biex tissenjala il-presenza ta' l-istess. Fic-cirkostanzi, l-attur ma kienx f'posizzjoni li jkun jaf li vettura qed tirmonka lill-ohra. Il-fatt li l-konvenut Spiteri ghamillu sinjal, li l-attur interpretah bhala tislima peress li jafu, ma jistghax jimmilita kontra l-attur, u b'hekk jinghad li dan b'xi mod ikkontribwixxa ghall-incident.**

**16. Kif inghad fid-decizjoni "Maria Vella Galea vs Oreste Sammut" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 t'Ottubru, 1998: "Hu ovvju illi dak li huwa essenzjali ghall-fini tad-determinazzjoni tar-responsabilita` ghas-sinistru hi d-dinamika ta' l-eventi li graw**

**immedjatament qabel l-impatt u li kienu determinanti jew li kkontribwew ghall-incident."**

**17. Il-fatti juru bic-car li kienet in-negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti taz-zewg konvenuti, li kienet il-kawza ta' l-incident li sehh, u konsegwentement ghal dan l-incident ghandhom ihallsu d-danni f'porzjonijiet ugwali.**

**18. Bhala danni, l-attur ghadu ma sewwiex, u ghalhekk fic-cirkostanzi it-Tribunal qed jistrih fuq dak li jirrizulta mis-survey Dok.AE esebit. Dana juri li l-attur ghandu danni fl-ammont ta' sitt mija u erbgha u erbghin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu, u konsegwentement it-Tribunal qed jillikwida dana l-ammont bhala d-danni sofferti mill-attur.**

**Ghaldaqstant, peress illi ghall-incident in kwistjoni kienu jahtu iz-zewg konvenuti fi kwoti ugwali, it-Tribunal qed jilqa' t-talba ta' l-attur, limitatament fl-ammont fuq imsemmi u jikkundanna lill-konvenut Herbert James Spiteri ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm322.48), u lill-konvenut Joseph Vella li jhallas lill-attur ukoll is-somma ta' tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u tmeinja u erbghin centezmu (Lm322.48), ilkoll bl-imghax li jibda jiddekorri mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Marzu, 2003, dawk tal-parir (Lm15.00) u ta' ittra ufficjali ohra (zewg notifiki) pprezentati kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuti, ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------